## LIL DUN KARM F'QABRU*

*Dun Karm, kif f'ħajtek kellek ħbieb u egħdewwa,*
*F'mewtek għad hawn min jara fik bħal għadu,*
*Dawk li lsien artna dejjem stmellu u bagħdu*
*Weġġgħuk u żebilħuk, merewk fis-sewwa.*
*B'kollox jinqdew, sa bit-tgħajjir u d-dnewwa.*
*Qalgħu xnigħat kefrin, fil-ħama stadu,*
*Biex iħammġuk. Għal ħsiebek qatt ma qagħdu.*
*Int qajla qatt kont tagħdab, kollok ħlewwa.*

*Vassalli u int tmexxuna minn ġol-qabar,*
*Bl-għajta kburija: "Malta tal-Maltin,*
*Maltija mhux bin-nofs, 'ma lkoll kemm hija".*
*Aħn'għadna, bħal fi żmienek, imħalltin.*
*Int u Vassalli titilfux is-sabar.*
*Ir-rebħ jasal ukoll, tintnesa l-ħtija.*

Padua – 10.x.72 J. AQUILINA

*Miktub wara l-korrispondenza dwar il-ktieb DUN KARM U HIDMIETU ta' Guzè Cardona B.A.(Hons.), M.A. u Dun Karm innifsu li dehret fis-Sunday Times of Malta mit-8 ta' Ottubru sad-19 ta' Novembru 1972.

## ~~GWERRA~~

~~*Fuq il-fruntiera għajjat suldat lil ħuh*~~
~~*Fejn huma wliedna u t-tfajliet ta' dari?*~~
~~*Achtung! Hitan ta' l-azzar! Hitan tal-konkrit*~~
~~*Katavri ma' l-art iġsma bojod mikxufa ta' nisa u rġiel*~~
~~*Mitquba bil-balal, mikula mill-isqra bil-ġuħ.*~~
~~*Ejjew naqbdu triq oħra – il-ħajt ta' bejniethom ħajt tal-konkrit*~~
~~*Seb'mna l-mibegħda u l-madmad tas-sid.*~~
~~*L-aħħar tfajla li bist – l-aħħar mara li rajt*~~
~~*Ġisimha mikxuf mormi fil-widien.*~~
~~*Għalina l-gwerra – int hija jien ħuk*~~
~~*L-azzarin fuq spallejna nitgħajru nitbagħdu se noqtlu 'l xulxin*~~
~~*Il-Lhudi ta' Betlem pri ġunier magħluq ġewwa ċella*~~
~~*Għada nixkubettjawh*~~
~~*Hu u dieħel fuq ħmara*~~
~~*F'nofs Pjazza fil-Vjetnam,*~~
~~*Fit-Tempju ta' Missieru*~~
~~*F'Ġerusalemm.*~~

~~J. AQUILINA~~